repubblika

4 ta' Frar 2022

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta

Sur Segretarju Permanenti Ewlieni:

DWAR: ĦLAS U KUMPENS LIL JOSEPH MUSCAT MA' U WARA T-TMIEM IL-KARIGA TIEGĦU BĦALA PRIM MINISTRU

Aħna konxji minn sensiela ta' risposti varji u inkonsistenti u skużi biex ma tingħatax informazzjoni rigward is-suġġett li jidher hawn fuq.

Kull gvern hu obbligat jagħti kont ta' li jonfoq u dan aktar u aktar meta dak l-infieq ikun fil-forma ta' ħlas jew għotijiet mogħtija 'l xi ħadd b'arranġament privat bejnu u l-Gvern. Aħna mwaħħxin naqraw li ma jeżistix dokument wieħed li jinkludi l-aspetti kollha ta' dak li tħallas u qed jitħallas Joseph Muscat meta u minn meta rriżenja.

Twaħħaxna aktar insiru nafu aktar minn sentejn wara li telaq Joseph Muscat li kien u għadu qed jokkupa bini pubbliku minkejja li safejn nafu aħna m'għandu ebda funzjoni pubblika.

Hu għalhekk li qed nitolbuk biex mingħajr ambigwitajiet u mingħajr ma tħalli xejn barra tgħidilna fi tweġiba għal din l-ittra:

1. X'kien kull ħlas li tħallas Joseph Muscat mill-1 ta' Diċembru 2019, id-data li fiha ħabbar li se jitlaq mill-Gvern?

2. Xi ħlas, jekk hemm, għad baqa' dovut lil Joseph Muscat u kif hu miftiehem li jitħallas?

29, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org

3. X'benefiċċji u perkaċċi baqgħu jingħataw lil Joseph Muscat wara t-12 ta' Jannar 2020, id-data li minnha effettivament ma baqax fil-Gvern? Jekk m'għadhomx jingħataw, kemm damu jingħataw? Jekk għadhom jingħataw, sakemm hu miftihem li jibqgħu jingħataw?

4. Kif inhu kkuntrattat jew xorta oħra regolat l-użu ta' Joseph Muscat tal-propjetà f'Sa Maison li jidher li qed jużа bħala uffiċċju? X'inhu t-titlu jew it-terminu li bih ingħatatlu din il-propjetà? Xi ħlas qed iħallas Joseph Muscat għall-użu ta' din il-propjetà? Kemm se titħalla għandu? X'infieq pubbliku sar fuq din il-propjetà mill-1 ta' Diċembru 2019 sad-data ta' din l-ittra u għaliex sar dan l-infieq?

Spiss wisq il-Gvern wera disprezz għal talbiet li jsiru taħt l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni. Essenzjalment il-Gvern iwieġeb għal talbiet taħt dik il-proċedura jekk irid, u allura qed insaqsuk direttament, mingħajr ma ninvokaw dik il-liġi għax fi kwalunkwe każ int direttament u personalment responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' dak miftihiem ma' Joseph Muscat bil-fomm jew bil-kitba, fil-moħbi jew fid-deher.

Ninvokaw allura l-obbligu tiegħek li tonora d-dritt tal-pubbliku li jkun infurmat.

Minn qabel nirrespinġu li xi ħaġa fit-tweġibiet għad-domandi tagħna tista' b'xi mod tikkaġuna ħsara lis-sigurtà nazzjonali, tikxef xi kommunikazzjoni ma' gvernijiet oħra, tippreġudika xi investigazzjoni, tikser xi privileġġ professjonali jew xi sigriet kummerċjali, jew tikkostitwixxi disprezz tal-Parlament jew tal-Qorti. Qed nindirizzaw l-iskużi li ġieli intużaw, anke b'mod kapriċċuż, biex ma tingħatax informazzjoni li l-pubbliku għandu dritt manifest għaliha.

Nistgħu nobsru li l-kumpens li qed jitħallas Joseph Muscat kien approvat mill-Kabinett u allura taħt l-esklużjonijiet fl-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, dan il-fatt jista' jintuża bħala skuża biex tinħeba informazzjoni li l-pubbliku għandu dritt għaliha.

Kull skuża li tintuża biex taħbi ħlas miftihiem segretament ma' politiku li rriżenja b'diżunur mhi xejn anqas minn oltraġġ għall-prinċipji demokratiċi ta' trasparenza u kontabilità.

Nawguraw sinċerament li m'intix se tuża din l-iskuża.

Bir-rispett,

Robert Aquilina

Kopja: Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

29, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba MQB 1011, Malta
repubbblika.org